MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 1011/2008

**Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**vs**
**Massimo Bezzina**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Massimo Bezzina ta’ 30 sena, mwieled fit-30 ta’ Mejju 1978, Pieta’, iben John Mary u Carmen nee’ Caruana u residenti f’ no 118A, Oration, Triq Parades, St Paul’s Bay u detentur tal-karta tal-identita’ numru 269478(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ dawn il-gzejjer, nhar il-11 ta’ Ottubru 2008 f’ dawn il-Gzejjer f’ San Pawl il-Bahar ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofs inhar ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Micallef peress li kkagunalu sfregju fil-wicc skond ma ccertifika Dr John Schembri MD Reg no 1327 tal-poliklinika tal-Mosta.

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja li tammonta ghall anqas minn 1165 euros ghad-dannu ta’ Anthony Micallef.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 t’Ottubru 2008 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Settembru 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ bejn membri tal-familja fejn kien hemm kwistjoni ta’ natura civili rigwardanti dritt ta’ passagg, liema kwisjtoni giet illum il-gurnata rizolta skond ma jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tal-24 ta’ Frar 2011. Mill-provi rrizulta li l-kwistjoni tal-passagg kienet bejn il-parti civili Anthony Micallef u huh Alfred Micallef u li dakinhar li nqala’ l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna l-imputat li jigi r-ragel tat-tifla ta’ Alfred Micallef akkompanjat minn dan tal-ahhar u minn David Micallef (iben Alfred) kienu hadu dghajsa kbira fil-post indikat fic-charge sheet u riedu jghadduha mill-passagg li kien hemm il-kwistjoni fuqu sabiex idahluha fl-ghalqa ta’ Alfred Micallef. Meta huma marru sabiex idahlu l-imsemmija dghajsa sabu l-vann tal-parti civili Alfred Micallef jimblokka l-passagg. Minn hawn il-quddiem il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti kemm xejn differenti stante li l-parti civili Anthony Micallef[1] jghid li l-imputat, Alfred Micallef u David Micallef bdew ihabtu fuq il-bieb tieghu u

[1] Li xehed waqt l-udjenza tal-24 ta’ Settembru 2009.

meta huwa ma fethilhomx peress li ma setghax ikellimhom minhabba li kien marbut b'garanzija personali imposta mill-Qorti sabiex ma javvicinahomx, huma bdew jisgassaw il-bieb bi spallejhom u malli huwa fetah daqxejn il-bieb sabiex jara x'gara l-imputat tah daqqa b'bott tas-sapun u kisser il-hgieg tal-bieb ta' barra. Huwa qal li ma jafx jekk il-griehi li kellu f'wiccu kienux gew kagunati bil-bott jew altrimenti meta nkiser il-bieb. David Micallef, Alfred Micallef u l-imputat min-naha l-ohra isostnu li malli l-imputat rahom gejjin bid-dghajsa huwa pogga l-vann tieghu fil-passagg sabiex huma ma jkunux jistghu jghaddu u meta huma marru ihabtulu l-bieb sabiex jghidulu inehhi d-dghajsa huwa hareg b'bott f'idejh li waddbu fid-direzzjoni taghhom u laqat lil Massimo Bezzina u dan qabad il-bott u wadbu u l-bott laqat il-hgieg tal-bieb ta' Anthony Micallef li nkiser u dan wegga' bil-frak tal-hgieg li tar. Id-Difiza ghalhekk issostni li l-griehi u l-hsarat kagunati lil Anthony Micallef kienu fil-fatt involontarji u mhux volontarji kif qed tallega l-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Dfiza f'dan il-kaz jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u minn Alfred u David Micallef hija ferm aktar kredibbli. L-atteggjament ta' Anthony Micallef fuq il-pedana tax-xhieda u l-mod kif huwa rrakkonta l-fatti halla dubji serji dwar il-kredibilita' tieghu u dwar il-veracita' ta' dak li kien qed jghid u ghalhekk il-Qorti jidrilha li dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat li rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-fatti graw kif irrakontahom hu u li l-griehi u l-hsarat minnu kagunati fuq il-persuna u fil-proprjeta' ta' Anthony Micallef kienu ta' natura involontarja. Tenut kont li l-hsarat kagunati fil-bieb ta' Anthony Micallef qed jigu kkunsidrati bhala ta' natura involontarja u tenut kont li kif intqal aktar il-fuq il-parti civili rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat, il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni u sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

In kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, mill-provi ma rrizultax li l-griehi sofferti mill-parti civili kellhom il-

konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 u ghalhekk ser tinstab htija taht dak li jiddisponi l-Artikolu 328(c).

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-parti civili rrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat kif ukolll il-fatt li jidher li l-partijiet irrisolvew il-pendenzi kollha ta’ bejniethom u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 328(c) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sena millum. Stante r-rinunzja da parti tal-parti civili l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni(2) imputazzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------